# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU: 2564

**Kaz Numru : 3625/DP**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Melissa Grech (ID: 178891M)**

**u**

**Sierra Stationery & Bookshop Ltd**
**(C 75553)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**Chairperson : Is-Sinjura Doreen Parnis M.A., M. Qual, B.A., P.G.C.E.**

**It-Tlieta 4 ta' Dicembru, 2018**

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors pprezentat mill-Avv Maurice Meli f'isem ir-rikorrenti Melissa Grech fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar l-1 ta' Marzu, 2018, fejn sostna li t-terminazzjoni ta' l-impieg taghha minn mas-socjeta' intimata, ma hijiex gustifikabbli taht l-Artiklu 36(14) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn naha taghha s-Socjeta ntimata Sierra Stationery & Bookshop Ltd baqghet ma dehritx minkejja diversi attentati.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati, fejn sema' x-xhieda mressqa minn naha tar-rikorrenti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kifipprezentati fis-sottomissjoni ta' l-avukat difensur.

**Rapprezentanza**

Melissa Grech li minn issa l-quddiem ser tissejjah ir-rikorrenti kienet assistita mill-Avv. Maurice Meli.

Sierra Stationery & Bookshop Ltd li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta ntimata, la qatt dehret u l-anqas ma kienet irrapprezentata minn hadd.

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Ir-rikorrenti kienet giet ingaggata mas-Socjeta' ntimata bhala Sales Girl fuq bazi full-time permezz ta' kuntratt indefinit mis-7 ta' Frar 2017. Jidher li fis-6 ta' Novembru 2017, is-socjeta' minghajr ebda preavviz itterminat l-impjieg tar-rikorrenti b'allegat ta' nuqqas li tirraporta ghax-xoghol. Skont ir-rikorrenti dan mhux minnu u r-raguni vera ghala tterminawlha l-impjieg, kienet ghax is-socjeta' naqset milli thallasha u waqghet lura fil-pagamenti dovuti lejn ir-rikorrenti. Is-somma dovuta tammonta ghal € 2,694.15. Barra dan is-socjeta' naqset milli taghti cans lir-rikorrenti tahdem iz-zmien ta' avviz.

Minn naha taghha s-socjeta' ma dehritx u ghal daqstant ma offriet l-ebda difiza a favur taghha.

**Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Melissa Grech** ix-xhud qalet li giet itterminata fis-6 ta' Novembru 2017. Hija qalet ukoll li minkejja d-dokument tal-Jobsplus juri li hi rrizenjat fil-fatt hija tkecciet. Hija kkonfermat ukoll li kienet hadet jumejn leave biex taghmel xi qadi l-Bank, dawn kienu l-Gimgha u s-Sibt, u t-Tnejn irritornat lura ghax-xoghol, fejn hija dakinhar talbet il-paga lill-imghallem taghha. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li qatt ma nghatat twissijiet la verbali u l-anqas bil-miktub, izda tkecciet ghax talbet dak li kien dovut lilha, ergo, diversi pagi. Tenniet ukoll li l-imghallem kien itellaghha ghal xejn l-Imqabba ghall-paga u xorta ma jaghtihilix.

Ir-rikorrenti qalet li wara li tkecciet damet seba' xhur bla mpjieg u l-anqas ma nghatat ic-cans tahdem in-notice period. Hija qalet li hi suppost kienet tithallas kull gimgha, izda gieli halliha tliet gimghat minghajr paga, u l-anqas ma kien itihielha kollha, izda ta' gimgha wahda biss. Skond il-kuntratt hija kienet tithallas € 4.27 fis-siegha.

**Sintesi tat-trattazzjoni tal-kaz**

**Dr. Maurice Meli** ghan-nom tar-rikorrenti, qal li r-rikorrenti kienet qed tahdem f'kundizzjonijiet li ma jixirqu lil hadd. Huwa qal li r-rikorrenti giet itterminata frivolment minghajr ma kien hemm l-ebda raguni. Dr. Meli qal li ma tistax taqbad u titfa' bniedem il-barra minghajr ma ttih tal-anqas cans isib impjieg iehor. Barra minn dan Dr. Meli sahaq li t-terminazzjoni hija fazulla ghax ma ngabet l-ebda prova dwar din it-terminazzjoni.

**Ghan-nom tas-socjeta' baqa ma deher hadd.**

**Kunsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ried jistabbilixxi jekk dak li allegatament sofriet ir-rikorrenti u li jinkwadra t-tmiem ta' l-impieg, huwiex gustifikabbli.
Tenut kont ta' hames fatturi migjuba bi provi waqt is-smiegh tal-kaz, cioe: -

Li giet itterminata minghajr preavviz bi ksur flagranti ta' l-artiklu 36(10) tal-Kap 452;

Li ma kienx minnu li r-rikorrenti naqset milli tattendi ghax-xoghol;

Li l-veru raguni ghala l-impjieg tar-rikorrenti gie tterminat kien ghall-fatt li s-socjeta waqghet lura fil-pagamenti dovuti lir-rikorrenti;

Li hemm tmiem ingust taht artiklu 75 tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta;

Li s-socjeta' giet dikjarata kontumacja stante illi debitament notifikata skont il-ligi;

**DECIZJONI**

Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li r-rikorrenti kienet qed tahdem f'kundizzjonijiet li fil-fatt ma jixirqu lill-ebda impjegat. Huwa tal-fehma wkoll li meta jsir ftehim ghandu jinzamm u l-hlas dovut ghax-xoghol li jkun sar mill-impjegat huwa dritt u mhux xi pjacir li ghandu joqghod jitkarrab ghalih l-impjegat. Huwa degradanti ghal kulhadd li joqghod jitkarrab ghal dak li hu bi dritt tieghu. Sitwazzjoni bhal din ma taghmel gieh lil hadd la lill-impjegat u wisq anqas lil min ihaddem. Ghaldaqstant dan it-Tribunal jiddkjara li t-terminazzjoni kienet ingusta u qed tillikwida d-diversi danni li sofriet r-rikorrenti, principarjament, il-paga li kienet dovuta lilha ta' xoghol li diga kien sar; is-somma dovuta lilha taz-zmien tal-Avviz li kellha dritt tahdem u tithallas tieghu, qabel ma tigi tterminata; iz-zmien kollu li damet minghajr impjieg.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jillikwida d-danni dovuti lir-rikorrenti ghas-somma ta' seba' t'elef, tmin mija u tmintax -il ewro u hamsin centezmu (€7,818.50) .

Din is-somma ghandha tithallas mis-socjeta' lir-rikorrenti fi zmien xahar mid-data tal-lum.

Ghall-finijiet ta' l-avviz Legali 48 tal-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euro u sbatax -il centezmu (€93.17)

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(Iffirmat)**
**Doreen Parnis**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**